MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 639/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Marica Cernigliaro**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Marica Cernigliaro, 26 sena, bint Santo u Maria nee Borg mwielda Attard fit-12 ta' Jannar, 1977 u toqghod Medal Gold, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 935777 (M).

Akkuzata:

1. talli fis-27 ta' Jannar, 2003 fil-Belt Valletta x'hin fil-ghaxija, bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni insistiet anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputata huma a bazi tal-Artikolu 110 tal-Kap 9. Issa apparti l-ammissjoni taghha registrata fl-odjerni proceduri kontra taghha, l-imputata gja kienet irrikonoxxiet r-responsabilitajiet taghha meta ghazlet li tixhed quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, fil-proceduri kontra Jamal Muftah Salem Belkheir et.

Illi l-ammissjoni taghha ghar-reati migjuba kontra taghha hija wahda volontarja u nkondizzjonata.

Stante din l-ammissjoni u wara li rat l-Artikolu 110 tal-Kap 9, l-fedina penali netta taghha, x-xhieda li tat u kkonsidrat l-ammissjoni, l-Qorti tiddeciedi li tilliberha inkondizzjonatament taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------